**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**CHAIRPERSON**

**Rikors Nru: 230/19MV**

**Nikolina Pace mart id-defunt Carmelo Pace ( K.I. 287043M)**

**Mary Galea (K.I. 106141M)**

**Doris Vella (K.I. 321348M)**

**Catherine Grech (K.I. 876154M)**

**Joseph Conti (K.I. 245358M) bhala mandatarju specjali tal-assenti Josephine Conti**

**Vs**

**Antonia Sharrat Camilleri (K.I. 559382M)**

**Dennis Cilia (K.I. 257276M) ghal kull interess li jista' jkollu**

**Illum 11 ta' Lulju 2023**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors prezentat ta' Nikolina Pace mart id-defunt Carmelo Pace ( K.I. 287043M), Mary Galesa (K.I. 106141M), Doris Vella (K.I. 321348M), Catherine Grech (K.I. 876154M) u Joseph Conti (K.I.

245358M) bhala mandatarju specjali tal-assenti Josephine Conti fis-16 ta' Ottubru 2019 li jaqra hekk:

Jesponu bir-rispertt;[1]

Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond bin-numru 31 fi Triq il-Mithna gewwa H'Attard liema fond kien mikri lill-intimata Sharrat Camilleri u minn taghrifli ghandhom l-esponenti jidher li llum jinsab okkupat mill-intimat Dennis Cilia;

Illi tali fond ippervjena ghand l-esponenti kif gej:

**(i)** Illi permezz tat-testment unica charta data 12 ta' Settembru 1972 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Sammut, hawn anness u mmarkat bhala Dok "A", Nicola u Giuseppe konjugi Pace istitwixxew u nnominaw bhala werrieta universali taghhom lill-uliedhom kollha u cjoe Carmelo, Mary, George, Dolores, Caterina u Josette, fi kwoti ugwali bejniethom, bis-sostituzzjoni volgari u bid-dritttal-akkrexximent bejniethom;

**(ii)** Illi inoltre, t-testaturi hallew b'titolu ta' prelegat lil uliedhom li jkunu ghadhom xebbiet u guvintur l-uzu u uzufrutt tal-assi ereditarji taghhom, komprisi l-flus kontanti li jkunu jinsabu fid-dar tal-kontestaturi;

**(iii)** Illi Nicola Pace gie nieqes nhar il-11 ta' April 1975 u skont il-causa mortis li qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok"B", jidher li fost il-beni li kellu fid-data tal-mewt tieghu kellu nofs indiviz tal-fond de quo;

**(iv)** Illi Giuseppa Pace giet nieqsa nhar id-9 ta' Novembru 1985 u skont il-causa mortis li qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok "C", jidher li fost il-beni li kellha fid-data tal-mewt taghha kellha r-rimanenti nofs indiviz tal-fond de quo;

[1] Folio 1 sa 3 tal-process.

**(v)** Illi gialadarba t-testaturi hallew b'titolu ta' prlegat lil uliedhom li jkunu ghadhom xebbiet u guvinturl-uzu u uzufrutt tal-assi ereditarji taghhom, iben it-testaturi George Pace, li gie nieqes nhar il-15 ta' Frar 2018, kif jidher mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok "D", kellu dritt ta' uzufrutt fuq il-fond de quo.

Illi tali fond kien gie koncess lil Peter u Antonia nee' Sharrat wara li kien gie rekwizizzjonat b'ordni bin-numru 32597 mahruga nhar l-1 ta' Awwissu 1974. Jigi dikjarat ghal kull buon fini li tali fond gie derekeizizzjonat permezz ta' avviz tal-20 ta' Awwissu 2008, kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok "E".

Illi minn taghrif li ghandhom l-esponenti l-inkwilina kienet marret tabita band'ohra- izda minflokha dahal l-intimat l-iehor. Fil-fatt, mir-registri elettorali jidher li f'April 2008 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok"F") Dennis Cilia biss kien jirrissjedi fil-fond de quo li mbaghad fir-registru elettorali ta' wara u cjoe dak ta' Ottubru 2008 ma kienx qieghed jirrissjedi hemmhekk u dan kif jidher mill-kopja annessa u mmarkata bhala Dok "G".

Illi jsegwi li Antonia Sharrat Camilleri ma tistax tigi meqjusa bhala pinkwilina ai terini tal-Art 1531F tal-Kap 16 u ghaldaqstant gjaladarba l-intimata Antonia Sharrat Camilleri ma kienetx qed tirrissjedi hemm fl-1 ta' Gunju 2008, l-intimat Dennis Cilia m'ghandux jedd jibqa jirrisjedi f'dan il-fond;

Illi inoltre r-rikorrenti interpellaw lill-intimat dennis Cilia sabiex igib prova sufficjenti tat-titolu li ghandu fuq il-fond de quo, madanakollu, l-istess intimat baqa' ma gabx tali prova u dan kif jidher mill-ittri hawn annessi u mmarkati bhala Dok "H" sa "J";

Illi r-rikorrenti ma accettawx il-kera tal-fond in kwistjoni wara l-mewt ta' George Pace u minkejja li nterpellaw lill-intimat Dennis Cilia sabiex

jivvaka l-fond de quo permezz tal-ittra ufficjali numru 1673/2019 (Dok K), huwa baqa inadempjenti;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu, prevja li jiddikjara l-lokazzjoni tal-fond numru 31, Triq il-Mithna, Attard illum hi mahlula, filwaqt li jawtorizza lill-esponenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-istess fond u dan that dawk il-provvedimenti li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportuni.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra numru 1673/2019, kontra l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mar-rikors promutur.[2]

Ra r-risposta tal-intimata Antonia Camilleri Sharrat li ecceppiet:

Tesponi bir-rispett[3]

1. Illi preliminarjament l-esponenti ma hix il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti stante illi kif huwa gia pruvat u kif jista jigi pruvat l-awtur tar-rikorrenti ilu snin li rikonoxxa lil Dennis Cilia bhala l-inkwilin tal-fond mertu ta' dawn il-proceduri ghal liema raguni l-esponenti ghandha tigi liberate mill-osservanza tal-gudizzju bi spejjez ghar-rikorrenti
2. Illi fil-mertu, kien l-awtur tar-rikorrenti ossia l-usufruttwarju tal-fond de quo li debitament irrikonoxxa l-ewwel lil esponenti flimkien ma binha u eventwalment lill-intimat l-iehor u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz
3. Illi fi-mertu wkoll, u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz it-talbiet rikorrenti kif wkoll id-dikjarazzjonijiet

[2] Folio 4 sa 28 tal-process.
[3] Folio 34 tal-process.

minnhom maghmula huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimat Dennis Cilia fl-ebda hin ma abbanduna l-kirja kif qed jigi allegat u dan kif jigi prruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra r-risposta ta' Dennis Cilia fejn eccepixxa is-segwenti:

Jesponi bir-rispett[4]

1. Illi fl-ewwel lok, in linea preliminary, ir-rikors promotur huwa null u bla effett stante illi r-rikorrenti Joseph ||Conti filwaqt li ddikjara illi huwa l-mandatur specjali u qieghed jagixxi ghall-assenti Josephine Conti naqas illi jipprezenta l-prova tal-mandat specjali tieghu billi jannetti mar-rikors promotur id-dokumenti u cioe' l-mandati specjai u atti ohra li jawtorizzawh ikun parti minn din il-kawza;
2. Illi inoltre in linea preliminari r-rikorrenti jridu jgibu prova tat-titolu li fuq qed jibbazaw l-azzjoni odjerna;
3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-esponenti jikkontendi li huwa ghandu dritt igawdi t-titolu ta' kera ai termini tal-artikolu 1531F tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghandu d-dritt ikompli l-kirja stante li huwa l-inkwilin skont il-ligi tad-dar uzata bhala residenza ordinarja li saret qabel l-1 ta' Gunju 2008;
4. Illi fil-fatt huwa kien ihallas il-kera dovuta kif juru xi whud mill-ircevuti hawn annessi u mmarkati bhala Dok A fejn huwa rikonoxxut bhala inkwilin u dan anke fil-perjodu rlattiv skont il-ligi fl-2008 u baqa jigi hekk rikonoxxut. Illi meta minghajr

[4] Folio 35- 37 tal-process.

raguni valida fil-ligi s-sid beda jirrifjuta din il-kera din kienet qeghda tigi iddepozitata l-Qorti;

**5.** Illi jigi rilevat ukoll illi l-kirja li minnha qed jilmentaw l-atturi u li hija -mertu ta' dawn il-proceduridamet tigi accettata ghal diversi snin, addirittura, qabel l-1995. Din baqghet tigi accettata minghand l-atturi u ghaldaqstant din titqies bhala accettazzjoni tal-istess kirja fis-somma li din kienet qed tithallas. Kull kera dovuta dejjem thallset bil-modalita mitluba, u fl-ebda hin qatt u had ma talab xi zjieda u/jew xi awment. Ghalhekk l-atturi ma jistawx issa jilmentaw dwar kirja li kienet qed tigi accettata ghal diversi snin minghajr oggezzjoni.

**6.** Illi inoltre t-tehid tal-istess fond minghand l-esponenti ghandu jirrizulta li jkun leziv tad-drittijiet tieghu anki fil-kuntest ta' dawk li huma legitimate expectations tieghu ladarba ilu jabita fl-istess fond ghal diversi snin bhala l-fond ta' residenza tieghu, ghamel fih spejjez konsiderevoli sabiex il-fond jinzamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, u dan anke kif ser jirrizulta matul il-mori ta' din il-kawza;

**7.** Illi ghaldaqstant ma huwiex gust li minghajr raguni valida fil-ligi huwa qieghed jigi mitlub jizgombra wara li dejjem gie rikonoxxut bhala l-inkwilin u dejjem hallas il-kera dovuta.

**8.** Illi minghajr pregudizzju, fin-nuqqas li dan l-Onorabbli B ord jaqbel li l-esponenti jgawdi titolu ta' kera skont l-artikolu 1531F tal-Kap 16, allura trid titqies l-applikabilita` tal-artikolu 1531G tal-Kap 16.

**9.** Salc eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li permezz ta' nota datata 16 ta' Settembru 2020 ir-rikorrenti cedew il-kawza fil-konfront tal-intimata Antonia Sharrat Camilleri stante li

hija ddikjarat illi m'ghandhiex inkwilina fil-fond filwaqt illi zammu ferm l-azzjoni kontra l-konvenut Dennis Cilia.[5]

Ra l-atti.

Sema' x-xhieda.

Ra u qies id-dokumenti u l-provi kollha prodotti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Din il-vertenza tirrigwarda propjeta' bin-numru 31, fi Triq il-Mithna gewwa H'Attard li tappartjeni ir-rikorrenti. Dan il-fond gie koncess lil Peter u Antonia nee' Sharrat wara li kien gie rekwizizzjonat b'ordni bin-numru 32597 mahrug nhar l-1 ta' Awwissu 1974[6]. Dan il-fond gie derekwizizzjonat permezz ta' Avviz tal-20 ta' Awwissu 2008. Ir-rikorenti qed jallegaw li Antonia Sharrat Camilleri marret tghix band' ohra u minflokha dahal jghix binha l-intimat l-iehor Dennis Cilia. Ir-rikorrenti jikkontendu li f'April 2008 kien jirrisjedi biss fil-fond Dennis Cilia mentri dan tal-ahhar ma kienx jirrisjedi hemm f'Ottubru 2008. Prova ta' dan gabu estratt mir-registru elettorali. Ikomplu jghidu ir-

[5] Folio 48 tal-process.
[6] Kopja ta' dan id-dokument ma jinsabx fl-atti.

rikorrenti li ladarba Antonia Sharrat Camilleri ma kienitx tirrisjedi fil-fond fl-1 ta' Gunju 2008, l-intimat m'ghandux jedd jibqa' jirrisjedi f' dan il-fond.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni li l-kirja hija mitmuma u qed jitolbu konsegwentement ir-ripresa tal-fond.

Fil-mori tal-kawza l-azzjoni u ]t-talbiet fir-rigward ta' Antonia Sharrat Camilleri gew irtirati mir-rikorrenti ghax hija iddikjarat li mhux qed tirrisjedi aktar fil-fond *de quo*.

**Provi.**

Xehdet **Antonia Camilleri Sharrat** li tghid li bdiet toqghod fil-fond 1974 u kienu tawulha l-Housing. Kienu tawh lill-ewwel ragel taghha u cioe' Peter Cilia li kien miet fl-1993. Hija tghid li harget mill-fond fl-1997. Hija tghid li Dennis Cilia twieled fil-25 ta' April 1976 u dejjem ghix fil-fond mertu ta' dawn il-proceduri. L-intimat Cilia qatt ma izzewweg u sa fejn taf hija qatt ma abita x'imkien iehor. Tghid li sa l-1997 il-kirja baqghet thallasha lil George Pace. Meta it-tifel dahal il-habs kien xi 1999 u kienet taghtih il-kera hija. Ix-xhud tghid li l-ircevuti qieghdin ghand it-tifel.

Xehed **Dennis Cilia** li jghid li huwa ilu joqghod fil-fond mertu ta' dawn il-proceduri minn meta twieled. Jikkonferma li missieru miet meta kellu 17-il sena. Jghid li ommu telqet barra id-dar u marret mas-sieheb taghha u huwa baqa jghix fil-fond. Skond ix-xhud bil-kunsens tas-sid

ta‘ dak iz-zmien George Pace il-kirja inqalbet fuqu. Jispjega li fit-12 ta’ Novembru kienet ghalqet il-kera u ommu haditu ghand George Pace li kien joqghod kwazi bieb ma’ bieb fejn hemm il-fond. Hu qal li ma kienx hemm problema li l-kera tinqaleb fuqi u ta’ dan ghandu kopja ghax inkitbet fuq il-ktieb tal-kera. Il-kera fl-1993 kienet fuq ommu u wara fl-1994 inqalbet fuqu. Dan Pace kien baqa’ jaccetta il-kera sa tlett (3) snin ilu u skond ix-xhud kien imur jaghtih il-kera anke St. Vincenz pero’ wara kien marad ukoll. Jghid li ghal xi zmien kien iccappas mad-droga u anki spicca CCF. Jighid li hu dejjem irranga gol-fond u sahansitra gab sussidju mill-Housing. Jispjega li anki is-sidien gew jarawh. Hu nefaq xi hmistax-il elf Ewro biex jirrangah u inaghat sussidju ta’ xi sitt elef ohra.[7] Irranga il-post xi hames snin ilu. Hu kien il-habs bejn 2 ta‘ Dicembru 2006 sa 2 ta‘ April 2012. Jghid li anki f’ dak iz-zmien kont immur naghtih il-kera lis-sid f’ San Vincenz u kien iwassluh l-ufficjali tal-habs. Jighid li meta miet George Pace hu kien jiddeposita il-kera il-Qorti.

Xehdet **Caterine Grech** permezz ta’ affidavit fejn tispjega li hija u huta huma sidien tal-fond *de quo*. Dan il-fond ghadda mill-wirt taz-ziju ta’ ommha, Salvatore Galea. Dan tal-ahhar kien hallieh lil ommha u lil missierha. Tghid li George Pace kellu l-uzufrutt fuq il-wirt kollu tal-genituri taghhom sakemm dan miet fil-15 ta‘ Frar 2018. Tikkonferma ir-rikors promutur u kull ma hemm dikjarat fih. Tiftakar li Peter Cilia kein miet f‘ cirkostanzi tragici ghax hija kienet tahdem l-isptar. Taf li Dennis Cilia kien mar 7 snin habs u ghamel madwar sentejn jirrisjedi l-Imgarr. Kif saret taf b‘ dan fethet din il-kawza u irrifjutat il-kera.[8]

[7] Dawn il-fatti mhux dokumentati bi provi.
[8] Fol. 76 tal-process.

Xehdet **Doris Vella** li ikkonfermat l-affidavit ta‘ Caterine Grech.[9]

Xehed **Neville Galea** li ikkonferma l-affidavit ta’ Caterina Grech.[10]

Xehed **Savio Borg** fis-seduta tad-19 ta’ Novembru 2021 in rapprezentanza tar-registru elettorali li jghid li fl-1994 kien irregistrat Flat six A (6A), Pilot, Triq Gian Marie Camillri Imgarr u dan sa Ottubru 1997 u imbaghad minn April 1998 kien registrat thirty- one (31) Triq il-Mithna H’ Attard u baqa’ hekk registrat sa April 2006. F’ Ottubru 2006 kien inqata’ mir-registru elettorali u wara f‘Ottubru 2007 sal-gurnata tal-lum ghandu registrat fuq 31 Triq il-Mithna Attard.

Xehed **Reuben Bonnici** waqt is-seduta tal-14 ta’ Gunju 2022 in rapprezentanza tas-socjeta’ Arms li ipprezenta id-dokumenti RB1 sa RB4.

**Kunsiderazzjoni tal-Bord:**

**Ikkunsidra:**

L-intimat isostni li huwa kellu u ghandu d-dritt jirrisjedi fil-fond 31 fi Triq il-Mithna gewwa H’ Attard in vista tal-fatt li huwa trabba u ghix hajtu kollha hemm barra iz-zmien li qatta fil-Facilita’ Korrettiva ta’

[9] Fol. 78 tal-process.
[10] Fol. 79 tal-process.

Kordin. Hu jibbaza id-difiza tieghu fuq l-artikolu 1531F tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta li kien jaqra is-segwenti:

'*Fil-kaz ta' kirja ta' dar uzata bhala residenza ordinarja li tkun saret qabel 1-1 ta' Gunju 1995 ghandha tigi meqjusa bhala inkwlin dik il-persuna li tkun qed tokkupa l-fond b' titolu validu ta' kera fl-1 ta' Gunju, 2008 kif ukoll zewgha jew martu jekk jghixu flimkien u mhux separat jew separata legalment; meta jmut l-inkwlin il-kirja ghandha tigi terminata*

*Izda wkoll l-persuna tkompli il-kirja wara l-mewt ta' l-inkwlin bl-istess kondizzjoni ta' l-inkwlin jekk fl-1 ta' Gunju, 2008-*

*(i) Tkun il-wild naturali jew legali tal-inkwlin u tkun ilha toqghod ma' l-inkwlin ghal erba' snin mill-ahhar hames snin; u wara l-1 ta' Gunju, 2008 tibqa' tghix ma' l-inkwlin sad-data tal-mewt teighu;'*[11]

…………………………………………………..

Antonia Cilia l-ahhar li hallset kera kien 11 ta' Novembru 1993[12]. Wara ossija mill-11 ta' Novembru 1994 'l quddiem beda jhallasha Dennis Cilia[13]. Jidher li zgur sa 7 ta' Novembru 2017 dejjem irciva il-kera George Pace minghand l-intimati. Kemm Antonia Sharrat

[11] Dan l-artikolu gie imhassar bl-Att XXIV.2021.5. Kein emendat ukoll permezz tal-Att X.2009.7 kif ukoll permezz tal-Att XXXII tal-2017.
[12] Fol. 122 tal-process.
[13] Fol. 123 tal-process.

Camilleri li tigi omm l-intimat kif ukoll l-intima jishuq li dan tal-ahhar dejjem irrisjeda fil-fond u dan jigi kontradett biss minn perjodu qasi li skond l-ufficjal tar-registru elettorali jidher li kien registrat band' ohra, ossija l-Imgarr Malta, kif ukoll iz-zmien li ghadda fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Hu veru kif jghidu ir-rikorrenti li il-kera tista' tithallas minn persuna li ma tkunx l-inkwlini.  Fil-fatt l-Imhallef Grazio Mercieca fil-ktieb tieghu *Massimarji tal-Imhallef Philip Sciberras- It-Tieni Volum: Dritt Sostantiv* jghid:

'*Il-hlas tat-terz hekk maghmul jipproduci bis l-estenzjoni ta' l-obbligazzjoni tal-pagament dovut imma ma jipproducix ukoll effikacja diretta ta' xi rikonoxximent fit-titolu.  Biex ir-rikonoxximent jipproduci tabilhaqq l-effetti guridici mixtieqa, l-eziti probatorji jrid ikollhom almenu kontenut tali li tinzera' dik ic-certezza, jew almenu il-konvinciment ragonevoli, ta' ezistenza ta' dak li l-istess rikonoxximent (***George Mifsud vs M. Demajo (Holdings) Limited – 10.05.2006***).*[14]

Bhala prova ta' dan il-fatt tan-nuqqas ta' residenza fil-fond ir-rikorreenti gabu bhala prova fejn kien jew ma kienx registrat skond l-ufficcju elettorali.   Izda huwa vera ukoll li l-fatt BISS li wiehed ikun irregistrat, skond l-ufficcju elettorali fuq residenza ohra mhux bizzejjed biex wiehed jikkonkludi li persuna ma tkunx qeda tirrisjedi f' fond iehor li jkun mertu ta' xi azzjoni legali bhal dik odjerna u li dik ir-residenza tkun attwalment ir-residenza ordinarja taghha!  Infatti l-Imhallef Grazgio Mercieca jikkwota testwalment is-segwenti:

[14] Pagna 989.

‘*Irid jinghad li dawn id-dokumenti jistghu jkunu important u ghandhom jigu ikkunsidrati, b’ dan li jrid jizdied ukoll illi dawn mhux bilfors jistghu jitqiesu konkluzivi ghas-suffragju ta’ l-asserzjioni. Dan qed jigi rilevat ghaliex fuq il-fehma tal-Qorti, gja’ espresso f’ decizjonijiet anterjuri taghha, ir-residenza ordinarja tal-kerrej ma jaghmluhiex sic et sempliciter id-dokumenti attestanti konnessjoni mal-fond- sija jekk Registru Elettorali, Identity Card, karti bankarji, etcetra – u lanqas il-mobbli jew effetti ohra personali li wiehed ikollu fil-fond. Ara a prpozitu* ***Dr. Charles Galea nominee vs Francesca Pia Di Donna****, Appell Inferjuri, 17 ta’ Marzu 2003’;*[15]

Il-Bord meta jara l-assjem ta’ provi migbura quddiemu u wara li evalwa it-testimonjaza tal-partijiet jaghti kredibilta’ u affidament lil dak li xehed l-intimat ghax ix-xhieda tal-fatti kif hemm riportatat juru bic-car li l-fond *de quo* kien u baqa’ ir-residenza ordinarja tieghu tul hajtu u il-fatt li kien detenut ghal xi zmien fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin ma jfissirx li b’ xi mod abbanduna tali residenza. Il-fatt li huwa baqa’ jhallas il-kera lil George Pace anki meta kien detenut ikompli jsahhah il-fehma tal-Bord li l-intimat mhux biss kien jirrisjedi fil-fond QABEL ma gie detenut, izda ukoll kellu interess u ried li JIBQA’ jirrisjedi fil-fond anki WARA li kien ser jigi rilaxxat mill-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Fil-fatt hekk sehh.

Barra minn dan il-Bord jemmen ukoll li wara li omm l-intimat Cilia telqet mid-dar u bdiet relazzjoni ma’ persuna ohra huwa verosimili li marret ghand George Pace, hadet lil bina Dennis Cilia li kien ghadu

[15] Ara f’ dan is-sens x’ hemm rappurtat mill-Imhallef Grazio Mercieca fil-ktieb ‘Massimarji tal-Imhallef Philip Sciberras- It-Tieni Volum: Dritt Sostantiv‘, pagni 864- 864.

minorenni ta’ sbatax -il sena u li dan gie rikonnoxxut bhala l-inkwlin il-gdid. Dan il-fatt ghandu mill-buon sens.[16] Hu logiku li l-omm Antonia Sharrat Camilleri, kunjom Cilia mill-ewwel zwieg, waqt li zammet maghhha il-wild b‘ disabilita‘ riedet li Dennis Cilia li kien ser ikun maggorenni fi ftit xhur ikollu saqaf fuq rasu ladarba hija kienet ser tibda hajja gdida ma‘ ragel iehor u allura ma riditx possibilment li il-guvni jmur jghix maghhom. **Issa jekk l-intimat Cilia twieled fl-1976, meta miet missieru fl-1993, dan kellu 17- il sena u f’Novembru 1994 kien sar maggorenni. Fil-fehma tal-Bord dawn id-dati huma krucjali ghax mhux biss jaqblu mas-sekwenza kif spjegat mill-intimat u ommu izda ukoll mal-ewwel ircevuta tal-kera maqluba fuq Dennis Cilia u iffirmata minn George Pace. B’ hekk il-verzjoni moghtija mill-intimat u ommu ghandha mis-sewwa ghax fil-fatt jidher li George Pace beda jirrikonoxxi lill-Dennis Cilia bhala l-inkwlini il-gdid u konsegwentement ladarba tali kirja saret QABEL 1995 allura hija protetta mill-ligi.** B’ hekk inholqot ukoll kirja gdida bejn l-intimat Cilia u George Pace bl-istess kundizzjonijiet li kellhom l-inkwilini precedenti, ossija missier u omm l-intimat.

Ghaldaqstant, il-Bord iqis li mill-provi migjuba quddiemu Dennis Cilia minn dejjem kellu r-residenza ordinarja tieghu fil-fond 31, Triq il-Mithna, H’ Attard.

[16] Dwar meta gara dan il-fatt hemm divergenza bejn l-ommu u l-intimat. L-omm tishaq imma li dan gara fl-1997 mentri Dennis Cilia jghid li dan sehh ftit wara li missieru miet jew ahjar inqalet, ossija 1993/1994. Jekk il-kirja inqalbet fl-1994 kif jishaq Dennis Cilia u jidher mill-ewwel ircevuta li tghajjat lilu allura il-kirja hija protetta.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi jichad it-talbiet fl-intier taghhom.

Spejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrenti fl-intier taghhom.

**(ft) Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Magistrat**

(ft) Iamin Gaurracino

Deputat Registratur.